**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 75/2022 LC

**RAYMOND GATT (K.I. 712757M)**
**ROSE CARBONARO (K.I. 550352M)**
**CATHERINE AZZOPARDI (K.I. 211554M)**
**MARIA CONCETTA GARRETT (K.I. 795455M)**
**EMANUEL SIVE NOEL GATT (K.I. 42861M)**
**GEORGE GATT (K.I. 83462M)**
**PAUL GATT (K.I. 19665M)**
**MIRIAM BEZZINA (K.I. 443566M)**
**MARIA MELITA GATT (K.I. 52670M)**
**ANTONIA SIVE TANIA SCIBERRAS (K.I. 130671M)**
**MARIA TERESA BUGEJA (K.I. 771561M)**
**MARLENE MIFSUD (K.I. 473744M)**
**VICTORIA SIVE VIVIENNE KITCHER (K.I. 781845M)**
**ANTONIA GILL (K.I. 993346M)**
**JOSEPH KITCHER (K.I. 362248M)**
**ROSINA BIRNEY (K.I. 194251M)**
**GEORGE KITCHER (K.I. 620352M)**
**PAUL KITCHER (K.I. 764954M)**
**FRANCIS SIVE FRANK KITCHER (K.I. 660856M)**
**CATHERINE NASH (K.I. 155458M)**
**MARIO KITCHER (K.I. 350761M)**
**RAYMOND KITCHER (K.I. 294903L)**

*vs*

**JOHN ABELA (K.I 214949M)**
**MARY ABELA (K.I. 71447M)**
**U**
**L-AWTORITA' TAD-DJAR**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Raymond Gatt, Rose Carbonaro, Catherine Azzopardi, Maria Concetta Garrett, Emanuel *sive* Noel Gatt, George Gatt, Paul Gatt, Miriam Bezzina, Maria Melita Gatt, Antonia *sive* Tania Sciberras, Maria Teresa Bugeja, Marlene Mifsud, Victoria *sive* Vivienne Kitcher, Antonia Gill, Joseph Kitcher, Rosina Birney, George Kitcher, Paul Kitcher, Francis *sive* Frank Kitcher, Catherine Nash, Mario Kitcher u Raymond Kitcher fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati John u Mary Abela ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021, ibbażat fuq ir-Regolamenti maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kap 16, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-intimati bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena 2021, u l-kapital tal-intimati fil-31 ta' Diċembru 2021, u liema test tal-mezzi għandu jsir skond ir-Regolamenti fuq imsemmija u skond il-liġi;

II. Fil-każ li l-intimati Abela jissodisfaw it-test tal-mezzi, jiddeċiedi u jiddikjara li ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021, il-kera tal-fond bin-numru uffiċċjali sitta u għoxrin (26) bl-isem ta' *East*, Triq Simpson, Marsa, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija fis-sena (2%) tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

III. Jordna u jikkundanna lill-intimati jibdew iħallsu tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021, b'effett mid-data ta' dan ir-rikors;

IV. Fil-każ li l-intimati Abela ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tagħhom mill-fond in kwistjoni, fi żmin qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord li ma jeċċedix sentejn (2) mid-data ta' dan ir-rikors, u kif ukoll jistabbilixxi kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti bħala sidien għal matul dan il-perjodu.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li talvolta tista' tiġi ppreżentata.

Ra d-dokument anness mar-rikors promotur.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata d-9 ta' Marzu tas-sena 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi irridu qabel xejn jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi l-atturi għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti Paolo Gatt u Caterina Gatt; (iii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (v) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati John Abela u Mary Abela datati l-1 ta' April, 2022, fejn sommarjament, eċċepew fost l-oħrajn illi (i) t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante illi huma infondati fil-fatt u

fid-dritt; (ii) illi l-intimati dejjem onoraw l-kundizzjonijiet li bihom l-istess propjeta’ ingħatat lilhom b’titolu ta’ kera, kif ukoll l-ammont ta’ kera pagabbli lir-rikorrenti huwa ai termini tal-Kap. 69. tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll l-Att X tal-2009 li jipprovdi għall-awment fil-ħlas pagabbli bħala kera lis-sidien skond l-għoli tal-ħajja; (iii) illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond *de qu*o u jikkwalifkaw bħala “kerrej” ta’ dar ta’ abitazzjoni abbażi tat-tifsira mogħtija lil dan it-terminu fl-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021; (iv) illi ma jirriżulta minn imkien li kien hemm xi thedida imminenti u attwali li sfurzat lir-rikorrenti li jagħtu dan il-fond b’kiri lill-intimati u fil-fatt kien hemm diversi toroq lli r-rikorrenti seta’ jagħżel dak iż-żmien, inkluż li jbiegħ il-fond; (v) illi iż-żieda ta’ 2% mitluba mir-rikorrenti ma hijiex tassattiva iżda diskrezzjonali għal dan il-Bord; (vi) illi l-intimati wettqu diversi benefikati fil-fond in kwistjoni, u kwindi l-valur lokatizju u anke l-valur fis-suq ta’ l-istess fond żdied bl-opra tal-istess intimati u għalhekk jekk dan l-Onorabbli Bord se jordna żieda fl-ammont pagabbli bħala kera, tali benefikati għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni minn dan l-Onorabbli Bord; (vii) illi l-intimati jissodisfaw u jikkwalifikaw għat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u dan stante illi huma pensjonanti u ma għandhom l-ebda propjeta’ jew assi kapitali li jissuperaw il-limiti stabbilit fil-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tas-17 ta’ Frar, 2022, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Alan Galea u l-Perit Claude R Mallia ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi huma s-sidien tal-fond ossia t-terran bin-numru uffiċċjali sitta u għoxrin (26) bl-isem ta' *East*, Triq Simpson Marsa, u dana bis-saħħa tal-eredita' ta' Paolo Gatt u Caterina Gatt.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-att appena msemmi, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrent huwa s-sid tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom jiddikjaraw illi l-fond mertu dawn il-proċeduri ilu mikri lill-intimati għall-għexieren ta' snin, u fil-preżent huma qegħdin iħallsu l-kera ta' madwar mitejn u għaxar ewro (€210) fis-sena. L-intimati fir-risposta jikkonfermaw illi huma l-inwklini tal-fond bl-isem *East*, Triq Simpson, Marsa, u dana bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimati huma l-inkwilini ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata minnhom stess, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati John Abela u Mary Abela huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' John Abela u Mary Abela, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) u 5(6) rispettivament tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta' John Abela u Mary Abela, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) u 6(5) rispettivament tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi John Abela u Mary Abela **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfaw l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'terran żgħir pjuttost qadim fil-pjan terran b'intrata li tiftaħ għal dar t'abitazzjoni (li kellha l-bitħa ta' wara parzjalment imsaqqfa) bl-aċċess minn Triq Simpson, il-Marsa. Il-fond għandu '*area*' superfiċjali ta' madwar 48.6 metri kwadri u 2 metri kwadri ta' terrazzin u faccata ta' ċirka 4.63 metri li tagħti fuq it-triq fil-pjan biss, u madwar 9 metri kwadri ta' terrazzin fl-ewwel sular fuq il-parti ta' wara. Il-bini huwa pjottost qadim, pero jidher li għadu strutturalment stabbli u hemm xi sinjali żgħar ta' umdita' fil-pjan terran partikolarment fuq il-parti ta' wara u fil-faċċata fejn hemm żebgħa li qegħda titfarfar.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip u l-kondizzjoni tal-propjetà, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar 2022, fl-ammont ta' tmienja u sebgħin elf ewro (€78,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' elf, ħames mija u sittin ewro (€1,560) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi minkejja li l-intimati eċċeppew li dan il-Bord għandu jikkonsidra wkoll il-benefikati li saru minnhom fil-fond *de quo*, ma tressqet ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni u għaldaqstant il-Bord m'huwiex f'posizzjoni li jagħti konsiderazzjoni lill-imsemmija benefikati.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li t-test tal-mezzi tal-intimati John u Mary Abela twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni.

2. Jilqa' it-tieni talba u jordna illi l-kera għall-fond bin-numru uffiċċjali sitta u għoxrin (26) bl-isem ta' *East*, Triq Simpson,

Marsa, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati John Abela u Mary Abela għall-ammont ta' elf, ħames mija u sittin ewro (€1,560) fis-sena.

3. Jilqa' it-tielet talba, u jordna illi l-intimati John Abela u Mary Abela iħallsu lir-rikorrenti *in solidum*, il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, senjatament fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena;.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante li l-intimati John Abela u Mary Abela jissodisfaw il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita' intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**